# L-Istatwi tal-Madonna tar-Rużarju fil-Qrendi

minn Victor Caruana, B.A. (Hons), M.A. (Storja ta' l-Arti)

Waħda mill-eqdem devozzjonijiet li nsibu fil-gżejjer Maltin hija dik lejn il-Madonna tar-Rużarju. Minn diversi visti pastorali li kienu jsiru, naraw li sa mis-sekli sittax u sbatax, f'ħafna mill-knejjes u parroċċi ta' Malta kważi dejjem kien hemm artal iddedikat lill-Madonna taħt dan it-titlu.[1] F'ħafna mill-każi ġara li fuq dawn l-artali twaqqfu wkoll fratellanzi li komplew ixerrdu d-devozzjoni lejn ir-rużarju mqaddes mhux biss bil-ħidma tagħhom iżda wkoll permezz ta' xi xbiha mpittra li kienet titpoġġa fuq l-artal. Meta mbagħad daħlet id-drawwa ta' l-użu ta' vari fil-purċissjonijiet, ma setax jonqos li fost l-ewwel statwi professjonali li saru kien hemm dawk li jirrappreżentaw lill-*Madonna tar-Rużarju*.

Fost l-eqdem vari tal-*Madonna tar-Rużarju* li għadhom jeżistu nsibu dik li tinsab fil-knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Porto Salvo (magħrufa aħjar bħala ta' San Duminku) fil-Belt Valletta. Din inħadmet fl-1615 minn Giuseppe Mazzeo da Vizzini[2] u hija eżempju rari ta' statwa-manikin li kienet titlibbes ħwejjeġ ta' vera. Meta mbagħad fl-1661 Melchiorre Gafà (1635 - 1667) naqqax fl-injam l-istatwa li tinsab fil-knisja ta' San Duminku fir-Rabat, Malta, din saret il-prototip li minnha ġew ispirati statwi oħrajn ta' l-istess suġġett. B'hekk, dawk il-vari tal-*Madonna tar-Rużarju* li saru tul is-sekli sbatax u tmintax kienu ġeneralment kollha jixbhu lil dik ta' Gafà, kif naraw fl-eżempji ta' Birkirkara (S. Liena), Ħal Balzan, iż-Żejtun u Ħaż-Żebbuġ, fost oħrajn.[3] Fis-seklu dsatax, l-istatwi li saru bdew jitbiegħdu xi ftit mix-xebħ tagħhom lejn l-istatwa tar-Rabat iżda kważi dejjem żammew l-istess kompożizzjoni.[4] Kien biss fil-bidu tas-seklu għoxrin li kompożizzjonijiet innovattivi bdew jiġu applikati lill-istatwi tal-*Madonna tar-Rużarju*, bil-vari tal-Qrendi, Ħad Dingli u l-Gudja jkunu fost l-ewwel varjanti.[5]

## Statwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Qrendi - Pika u Tensjoni

Minkejja li l-fratellanza tar-Rużarju fil-Qrendi ilha mwaqqfa sa mill-1619[6], jidher li l-idea li din ikollha vara tal-Madonna żviluppat fl-1909. Dak il-perjodu kien pjuttost delikat għar-raħal tal-Qrendi peress li sena qabel, fl-1908, il-Qrendin esperjenzaw il-qasma li seħħet fil-każin tas-*Soċjetà Mużikali Santa Marija.* Kif ser naraw aktar 'il quddiem, il-preludju għal din il-qasma beda fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Dak iż-żmien ġab mhux ftit tensjoni fir-raħal tant li kien ikun hemm xi ġlied u piki bejn sekulari u qassisin u anke bejn qassisin bejniethom. L-effett ta' dan inħass ukoll fit-tentattiv li sar biex il-knisja parrokkjali tal-Qrendi jkollha l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tagħha.

L-1908 - is-sena li fiha seħħet il-qasma fil-każin tas-*Soċjetà Mużikali Lourdes* - kienet ukoll l-ewwel sena tas-Sur Nikola Magri bħala president ta' dan il-każin, kariga li dam jokkupa sal-1912. Nikola Magri kien figura importanti u nfluwenti fil-ħajja soċjali tal-Qrendi peress li, minbarra li kien pijunier fit-twaqqif tas-*Soċjetà Mużikali Lourdes* u viċi-president ta' l-istess soċjetà mill-1895 sakemm eventwalment laħaq president, kien ukoll għalliem fl-iskola l-qadima tar-raħal, ġuljanista, peżatur u arluġġar. Kien responsabbli wkoll għad-dħul tad-dawl bl-aċitalena fil-Qrendi u tat-twaqqif ta' l-ewwel orkestra f'dan ir-raħal, iċ-*Circolo Bellini.*[7] Kienet proprju din l-orkestra li wasslet biex fir-raħal tinbed ċertu pika li l-effetti tagħha damu jidwu s-snin.

Sa l-1905, iċ-*Circolo Bellini* kien jagħti sehemu fil-festi prinċipali tar-raħal, fosthom dawk ta' Santa Marija u ta' Lourdes. F'dik is-sena, madanakollu, żviluppaw problemi bejn xi membri ta' din l-orkestra u l-kappillan Dun Alfons Maria Tabone.[8] Minħabba f'hekk, l-orkestra waqqfet il-parteċipazzjoni tagħha fil-festa titulari tal-Qrendi u meta twaqqaf iċ-*Circolo Lourdes,* li kellu fih membri tas-Soċjetà Lourdes u tas-Soċjetà Santa Marija, bdiet tidher ċerta qasma.[9] Fl-istess ħin, filwaqt li l-festa tal-Madonna ta' Lourdes bdiet tikber, il-livell tal-festa ta' Santa Marija beda jonqos. Il-pika kibret sew u fl-aħħar, fl-1908, ittieħdet id-deċiżjoni li l-membri li kienu jissimpatizzaw mal-festa titulari jwaqqfu partit u każin separat taħt l-isem ta' Santa Marija.[10] Jidher li wieħed mill-personaġġi ewlenin f'din il-kwistjoni kien appuntu t-tieni president tas-Soċjetà Mużikali Lourdes u l-fundatur taċ-*Circolo Bellini,* Nikola Magri.[11] Dan narawh mill-

fatti li ħarġu fit-tentattivi li saru biex tiġi ordnata vara tar-Rużarju - tentattivi li bdew meta fis-27 t' Awissu ta' l-1909 Nikola Magri, bħala prokuratur tal-legat imwaqqaf fil-parroċċa mill-kjeriku Filippo Camilleri, ppreżenta rikors għal statwa tal-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju lill-Kurja ta' Malta.[12] Sfortunatament, dan ir-rikors kompla żied it-tensjoni fir-raħal, speċjalmnt bejn Magri u l-Kappillan Tabone.

## Ir-Rikors ta' Nicola Magri

F'dan ir-rikors tas-27 t'Awissu 1909, Magri jgħid li f'kuntratt li sar f'Settembru ta' l-1908 skond l-atti ta' Carlo Micallef, Filippo Camilleri kien ħalla klawsola lil Salvatore Borg minn Ħaż Żebbug li permezz tagħha huwa offra mhux aktar minn disa' liri biex issir statwa li tirrappreżenta lill-*Madonna tar-Rużarju.* Jekk il-kappillan tal-parroċċa u l-fratellanza tar-Rużarju ma riedux l-istatwa, il-flus kellhom imorru għal xi opra qaddisa oħra.[13]

Hawnhekk, il-kappillan Dun Alfons Maria Tabone oġġezzjona għal din l-offerta peress li kien tal-fehma li l-istatwa tal-*Madonna taċ-Ċintura* (jew tal-Konsolazzjoni) li kien hemm fl-istess knisja setgħet tintuża bħala *Madonna tar-Rużarju.*[14] Għal dan, Magri rribatta billi qal li d-donaturi tal-vara taċ-Ċintura ma kienux ser jaċċettaw il-proposta tal-kappillan peress li kienet tmur kontra l-kuntratt tad-donazzjoni tagħhom.[15]

Wara li fil-5 t'Ottubru 1909 l-Kurja Maltija talbet kopja legali tas-supplica ta' Nicola Magri, il-kappillan reġa' kiteb lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex iwieġeb għal dak li kien qal Magri. Fl-ittra, li fiha ton aħrax ferm, il-kappillan Tabone jagħti ħames raġunijiet għall-oġġezzjonijiet tiegħu għall-kummissjoni ta' statwa ġdida għall-knisja tal-Qrendi. Dawn kienu:

1. Id-disa' liri kienet ġejja minn konċessjoni enfitewtika mit-twarrib ta' l-imsemmi legat, u mħallsa fl-okkażjoni ta' l-enfitewsi msemmija.[16]
2. It-tieni raġuni kienet li l-Legat Filippo Camilleri ma kellu ebda relazzjoni mal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju u lanqas biss kien jippartjeni lilha iżda kien marbut esklussivament ma' l-artal tar-Rużarju fil-knisja.
3. Id-disa' liri kienet ġejja minn somma mnaqqsa ta' l-ammont destinat għall-imsemmija enfitewsi, u hija parti minnha.
4. Salvatore Borg ma kellu l-ebda dritt li jħalli xi flus għall-opri qaddisa li ried jew xtaq għax hu ma kien ħallas xejn minn tiegħu.
5. L-istatwa tal-*Madonna taċ-Ċintura* setgħet momentarjament tintuża bħala "Madonna tar-Rużarju" għax la kien hemm oġġezzjoni minn Dun Giovanni Callus (id-donatur tal-vara taċ-Ċintura) u lanqas mill-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura, peress li din ma kienet ħallset xejn għaliha.



Nicola Magri – Fundatur ta' l-Orkestra Bellini u t-tieni President tas-Soċjetà Mużikali Lourdes.

Wara li jsemmi dawn ir-raġunijiet, il-kappillan Tabone jissuġġerixxi li s-somma għall-istatwa għandha tingħata lill- *"casa delle pie amministrazioni"* bħala kapital ta' ħlas favur il-legat imsemmi. Minbarra hekk, huwa jkompli joħodha kontra Magri - sinjal tal-pika li semmejna aktar 'l fuq - billi sejjaħlu *"un secondo Edison"*, peress li kien qed jivvinta l-affarijiet għal skopijiet parrokkjali. Huwa qal ukoll li x-xewqa tiegħu li jordna statwa kienet tmur kontra rieda ta' xi membri tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju kif ukoll kontra r-rieda tiegħu stess bħala kappillan.[17]

Jista' jagħti l-każ li Tabone kien qed jara din ix-xewqa ta' Magri li jordna statwa tal-Madonna tar-Rużarju bħala sfida diretta lejh, speċjalment wara dak kollu li kien għadu kemm ġara' permezz taċ-*Circolo Bellini* u l-qasma li kienet saret. Tant hu hekk li huwa jgħid li kien qed jibża' li jinħoloq xi preċedent u jirriskja li jikber partit ieħor fir-raħal bħal ma kien għadu kemm ġara' b'dak tal-*Madonna ta' Lourdes.* Huwa jżid jgħid li d-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju u s-sagramenti kienet qawwija xorta, minkejja n-nuqqas ta' statwa. Isostni wkoll li Nicola Magri għandu jinkoraġġixxi d-devozzjoni fil-konfratelli kf ukoll iressaqhom lejn is-sagramenti mhux bl-istatwa li ried jagħmel iżda bih innifsu, billi jkun ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn ta' l-anqas matul il-festa tar-Rużarju. Dan minflok ma' Magri joqgħod jgħid kontra l-kappillan ma Dun Francesco Bugeja u fil-kitbiet tiegħu fil-ġurnal *Malta Tagħna,* kif ser naraw aktar 'il quddiem.[18]

Wara din ir-risposta qalila minn naħa tal-kappillan, Magri kiteb ittra oħra lill-Kurja nhar is-7 ta' Jannar 1910 fejn fiha jesprmi l-għaġeb tiegħu għat-tweġiba ta' Dun Alfons Maria Tabone lejn ir-rikors ta' l-istatwa tal-*Madonna tar-Rużarju.* Huwa jgħid li ma stenniex li l-kappillan kien ser jikteb b'dak it-ton għax ma jirriflettix u ma jixraqx lill-pożizzjoni importanti

li huwa jokkupa.[19] Minbarra dan, Nicola Magri jtenni li jumejn wara li kieteb dik ir-risposta negattiva, l-kappillan ippresieda quddiem konsulta tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fejn fiha l-fratelli esprimew ix-xewqa tagħhom li jakkwistaw statwa tal-Madonna bis-somma ta' flus indikata. Għal din ix-xewqa, Magri jgħid li l-kappillan m'opponiex anzi ta l-permess tiegħu għall-kummissjoni tax-xbiha.[20]

## Ittri fil-Gazzetti u d-Deċiżjoni Aħħarija tal-Kappillan Tabone

Ftit 'il fuq semmejna kif il-kappillan Tabone ddikjara li Magri kien jitkellem kontra tiegħu ma Dun Francesco Bugeja u anke fil-kitba tiegħu fil-ġurnal *Malta Tagħna*. Infatti, f'din il-gazzetta ta' l-14 t'Awissu 1909, għandna deskrizzjoni ta' x'kien ġara fl-1900 fil-Qrendi u li għaliha mbagħad jidher li wieġeb Magri ħmistax-il ġurnata wara f'ħarġa oħra ta' dan il-ġurnal.[21]

Fil-gazzetta ta' l-14 t'Awissu 1909, ċertu ndividwu li kiteb taħt il-laqam ta' "*Etna*" jgħid lin-nies tar-raħal biex ma jinsewx dik il-ġurnata meta ħafna rġiel u ġuvintur mill-Qrendi kienu ġew arrestati u kemm in-nisa, l-ommijiet, l-aħwa u familji sħaħ bkew u batew minħabba f'hekk. Jgħid li, kontra dawk l-irġiel u ġuvintur, l-ebda qassis u prokuratur ma sofra l-iċken ħsara. Anzi, minflok ġew arrestati, dawn qagħdu fuq bejt iħarsu u jidħdu. *Etna* jwissi lin-nisa biex joqogħdu attenti fejn imorru żwieġhom fil-ħin liberu tagħhom u jekk jista' jkun iwaqqfuhom milli jmorru f'ċertu post biex l-istorja ma terġax tirrepeti ruħha. Jisħaq ukoll li jekk xi sekular jobgħod xi qassis, jew qassis jobgħod lil sekular jew qassis jobgħod lil qassis ieħor, dan ma joqgħodx isaħħan lill-poplu imma jmur jiddefendi ruħu waħdu.[22]

F'din l-ittra *Etna* qed joħodha kontra dawk, fosthom nistgħu nissuspettaw li qed jireferi għal Magri, li fir-raħal - permezz ta' xi affarijiet marbutin mal-knisja - kellhom il-mezzi biex b'xi mod jew ieħor jgħaqdu xi klikkek jew partiti biex fil-pika ta' bejniethom ma jdaħħlux nies li m'għandhomx x'jaqsmu u li mbagħad jispiċċaw ibatu l-konsegwenzi huma. B'risposta għal dan, f'*Malta Tagħna* tat-28 t' Awissu 1909 dehret ittra oħra, din id-darba ffirmata minn ċertu *"Difensur tal-Qrendin"*.[23] Mill-kontenut ta' l-ittra u minn dak li qal il-kappillan, jidher li dan id-difensur tal-Qrendin m'huwa ħadd ħlief Nicola Magri nniffsu.

Huwa jgħid li *Etna,* meta rrefera għall-inċidenti li kienu ġraw disa' snin qabel (jiġifieri fl-1900) ħalla fil-ġenb u nesa' jsemmi lill-kappillan - li fl-ittra huwa referut bħala "*il Cap ....*" (sic) u li *Difensur tal-Qrendin* jallega li kien il-kawża ta' l-inċidenti li kienu nqalgħu dakinhar. Jgħid li għandu jkun huwa li jiġi mwissi kif imiss, u dan jafu kulħadd kemm f'Malta u anke Ruma.[24] *Difensur tal-Qrendin* isemmi li f'dak iż-żmien ta' l-inċidenti kienu saru kważi skandalużi ta' qassisin kontra qassisin u qassis kontra sekular. Allura jgħid li l-pariri ta' *Etna* ma jfissru xejn jekk qabel ma jwiddibx kif imiss lill-kappillan ukoll. Jiddikjara wkoll li *Etna* m'għandux għalfejn iwissi lill-Qrendin biex jifthu għajnejhom għax il-vista tagħhom kienet saret twassal iżjed minn qabel, tant li saħansitra jekk ikun hemm bżonn taf twassal anke sa Ruma.[25]

Din il-kitba fil-gazzetta u l-botta u risposta fl-ittri mibgħuta lill-Kurja ta' Malta wara r-rikors għal statwa tal-Madonna tar-Rużarju fl-1909, juruna biċ-ċar in-nuqqas ta' ftehim u l-pika li kienet teżisti bejn Nikola Magri u l-kappillan Tabone: sitwazzjoni li kienet ilha sejra sa mill-anqas għaxar snin. Il-konklużjoni ta' l-ittra li Magri bgħat lill-Kurja fis-7 ta' Jannar 1910 tissuġerixxi li fl-aħħar, ix-xewqa għall-wasla ta' statwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Qrendi kien ser ikollha eżitu posittiv. Madankollu dan ma kellux ikun għax wara li l-istatwa kienet lesta Magri ddeċieda li, qabel tidħol il-knisja, jesebiha għall-pubbliku ġo triq Rokku Buhagiar.[26] Il-kappillan Tabone donnu approfitta minnn dan kollu biex jibqa jżomm iebes u għalhekk reġa' rtira l-permess biex il-vara tidħol ġol-knisja. B'konsegwenza t'hekk, ix-xbiha baqgħet tinżamm fid-dar ta' Nikola Magri fi Pjazza Santa Marija sakemm din imbagħad ġiet mogħtija lill-każin tas-*Soċjetà Mużikali Lourdes* fejn għada meqjuma b'għożża sal-ġurnata tal-lum.[27]

## L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Magri - Analiżi Kritika

Fil-kuntest ta' l-iżvilupp ikonografiku fil-vari tal-*Madonna tar-Rużarju* tul iż-żmien, l-istatwa tal-kartapesta li ordna Magri toffri ċertu nterss partikolari. Dan għax hija waħda mill-ewwel statwi f'pajjiżna li huma differenti minn dik li Melchiorre Gafà ħadem fl-1661. Il-vara turi lill-Madonna wieqfa fuq sħaba għolja li filwaqt li żżomm lil Ġesù Bambin f'idha x-xellugija, bl-oħra qiegħda tagħti l-kuruna tar-Rużarju lil San Duminku, li minn naħa tiegħu, jinsab għarkupptejh fuq il-lemin tagħha jilqa' dan id-don. Fuq in-naħa l-oħra tal-Madonna, sewwasew taħt il-figura tal-Bambin li qed ibierek l-azzjoni raffigurata, naraw puttin li huwa wieqaf fuq l-istess sħaba tal-Madonna u li oriġinarjament jidher li kellu jkun qiegħed ikeċċi b'xabla s-sriep li hemm ħerġin mill-kotba li hemm jinħarqu fil-parti t'isfel ta' din il-kompożizzjoni[28] Żgur li din ix-xbiha hija fost l-ewwel minn dawk il-ftit statwi f'Malta li juru lil San Duminku flimkien mal-figura ċentrali tal-Madonna - aspett li flimkien ma' l-istorja tal-kummissjoni tagħha, ikompli jagħmel din il-vara aktar interessanti

fl-istudju tat-tradizzjoni tal-kartapesta f'pajjiżna.

Fil-korrispondenza bejn Nicola Magri. Dun Alfons Maria Tabone u l-Kurja, l-istatwarju ta' din il-vara ma jissemmiex. Minħabba f'hekk, wieħed irid bilfors iħares lejn affarijiet oħra biex jipprova jiddetermina l-awtur tagħha. Skond is-sur Pinu Axiaq, li jtenni dak li dejjem sema', din hija xogħol Vincenzo Maria Cremona(1851 - 1912).[29] Madankollu, stilistikament nistgħu ngħidu li hija ħaġa kważi ċerta li din l-istatwa ħarġet mill-ħanut tax-xogħol ta' Carlo Darmanin (1825 - 1909).[30] Fl-ittra li Magri kiteb lill-Kurja nhar is-7 ta' Jannar 1910 u li hija msemmija aktar 'il fuq, huwa jisħaq li jumejn wara r-risposta negattiva tal-kappillan Tabone, l-istess kappillan waqt *consulta* tal-fratellanza tar-Rużarju, ta' l-kunsens tiegħu biex l-istatwa ssir. Dan jidher li seħħ lejn Ottubru ta' l-1909, xahar qabel il-mewt ta' Carlo Darmanin u għalhekk tagħmilha prattikament ħaġa mpossibli li kien hu li lesta x-xogħol fuq il-vara - dejjem jekk kien diġà bdiha.

B'hekk il-probabilità hija li l-awtur tal-*Madonna tar-Rużarju* li kkummisjona Magri huwa Carmelo Mallia, magħruf aħjar bħala "l-*Lhudi*".[31] Waqt l-mewt ta' Darmanin, Mallia - li probabilment kien lavrant ma' Darmanin - bedà juża l-forom li ħalla warajh dan l-istatwarju Senglean biex jagħmel statwi tal-kartapesta fuq l-istess stil ta' l-imgħallem tiegħu.[32] Dan speċjalment wara li wisq probabli, Mallia beda jaħdem xi statwi li kienu diġà ġew ordnati lil Darmanin, fejn fosthom seta' kien hemm appuntu din l-istatwa tal-*Madonna tar-Rużarju* għall-Qrendi.[33]

Il-vara hija pjuttost sodisfaċenti fil-ħidma tagħha.



*Carmelo Mallia*
*Il-Madonna tar-Rużarju*
*Każin tas-Soċjetà Mużikali Lourdes, Qrendi*

Apparti l-id ix-xellugija tal-patrijarka San Duminku li hija mqiegħda b'mod ftit jew wisq stramb, il-figuri għandhom ċertu naturalezza fil-ġesti tagħhom li ma jtellfux mill-aspett devozzjonali tax-xbiha. Il-ħwejjeġ huma magħmula minn pjiegi kbar u puliti li huma mpoġġija b'mod naturali fuq il-persunaġġi u li juru l-anatomija li hemm taħtom. L-istatwa nħadmet fuq stil Purista, li huwa l-istil tipiku li kien iħaddan Carlo Darmanin u fejn l-enfażi hija kollha fuq l-aspett devozzjonail u mhux fuq xi qagħda teatrali u monumentali kif insibu fil-barokk. Ġeneralment, dawn it-tip ta' statwi huma pjuttost sempliċi fil-kompożizzjoni tagħhom, biss din l-istatwa hija aktar narrattiva għax minbarra li turi anke lil San Duminku, il-preżenza tal-puttin bix-xabla f'idu[34] u l-ħruq tal-kotba bis-sriep ħerġin minnhom qed jirrakkontaw il-ġrajja ta' meta il-predikatur qaddis ikkonverta lill-Albiġiniżi permezz tar-Rużarju u ħaraq il-kotba eretiċi tagħhom. Dan il-kunċett ta' simboliżmu teoloġiku fir-rappreżentazzjoni huwa pjuttost Barokk fil-konċepiment tiegħu. Għalhekk, hawnhekk wieħed jista' jissusspetta li Mallia, għalkemm baqa' jżomm mal-pożi kalmi u devozzjonali ta' Darmanin, kien influwenzat mhux ftit mill-kompożizzjonijiet kbar ta' Vincenzo Maria Cremona. Permezz li dan l-istatwarju kien jaħdem bħala xenografiku fit-Teatru Rjal, l-istatwi tiegħu għandhom ċertu drammatiċità, moviment u fantażija fil-kostumi tagħhom. Dawn narawhom fil-pożi ħajjin u fil-kompożizzjonijiet kbar li kien joħloq. Hemm diversi eżempji fejn Carmelo Mallia ħoloq statwi ispirati minn dawk ta' Cremona, fosthom *It-Trijonf tal-Madonna fuq l-Ereżija* (1922) li tintrama' fl-Imqabba fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju u *l-Inkurunazzjoni tal-Madonna* (c. 1923), li tintrama' waqt il-festa titulari ta' Santa Marija fl-istess raħal.

Minbarra l-istil tagħha, l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju għandha diversi aspetti oħrajn li huma karatteristiċi tat-tip ta' xogħol li kien jipproduċi Carlo Darmanin. Il-forom użati għall-uċuħ, per eżempju, jinstabu wkoll f'xi xbihat oħra li ħarġu minn idejn dan l-artist. Fost oħrajn, il-wiċċ tal-Madonna huwa simili għal dak ta' l-istess figura fl-istatwa tar-Rużarju li tinsab fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar kif ukoll fl-istatwa tal-*Madonna qed tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock* li tintrama fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali taż-Żurrieq fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu.[35] Minn naħa l-oħra, filwaqt li l-poża tal-Bambin hija rikorrenti kważi f'kull statwa ta' Darmanin bl-istess suġġett, il-wiċċ tiegħu u dak tal-puttin - li huma l-istess - jidhru kemm-il darba f'figuri oħrajn tal-Bambin (bħal per eżempju f'dak il-vara ta' *San Ġużepp* fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan) u ta' puttini. Wiċċ San Duminku jidher ukoll fi statwi oħrajn, fosthom



*Dettall tal-figura ta' San Duminku*

fil-figuri ta' *San Luqa* (xogħol Carmelo Mallia stess ta' c. 1912) u tal-*Papa Urbanu IV* (statwa ta' Carlo Darmanin) li jintramaw fir-Rabat fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl.[36]

## It-Tieni Statwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Qrendi

Wieħed jista' jimmaġina d-diżappunt tal-fratelli tar-Rużarju wara li l-kappillan Tabone ma tax il-permess tiegħu biex l-istatwa li kien ordna Magri tidħol fil-knisja. Jidher li dak li ġara' fl-1910 berred ftit l-entużjażmu ta' dawk li xtaqu statwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-paroċċa tal-Qrendi għax kellhom jgħaddu kważi għaxar snin oħra biex isir tentattiv ieħor biex tiġi ordnata vara oħra. Fil-fatt, fl-24 ta' Jannar ta' l-1920 sar rikors lill-Kurja mill-prokuratur tal-fratellanza tar-Rużarju ta' dak iż-żmien, Dun Michele Zammit, biex issir statwa tal-Madonna taħt it-titlu msemmi.[37] Huwa qal li l-fratellanza tixtieq statwa biex tiżdied id-devozzjoni lejn ir-Rużarju mqaddes u biex jittieħed l-eżempju ta' numru ta' pajjiżi Kattoliċi oħra fejn din id-devozzjoni kienet qiegħda dejjem tikber.[38] Dun Zammit iżid jgħid ukoll li l-vara kellha tħallas mill-fratelli kif ukoll li din tibda titpoġġa fil-knisja matul ix-xahar t'Ottubru u tibda tintuża wkoll waqt il-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju.[39] Minkejja li l-fratelli kellhom joħorġu sehemhom biex titħallas l-ispiża għal din ix-xbiha, jidher li kien ċertu Gianni Balzan li ħareġ il-flus meħtieġa biex issir ix-xbiha.[40]

Forsi għax Nicola Magri ma kienx il-prokuratur tal-fratellanza jew għax il-flus għall-istatwa kellhom jitħallsu mill-fratelli u mhux minn xi legat, il-kappillan Tabone aċċetta li jintbagħat dan ir-rikors għall-istatwa. Biss, jidher li xorta kien qed jibża' minn xi twaqqif ta' partit ieħor fir-raħal, tant li biex jaħsel idu minn kull responabilità li setgħet taqa' fuqu wara xi każ li seta' jqum fil-futur, huwa bagħat ittra qasira lill-Kurja nhar l-10 ta' Mejju 1920 sempliċiment biex jirrimarka li frażi fis-*supplica* mibgħuta minn Dun Michele Zammit kellha tiġi mibdula minn "*a favore della Chiesa*" għal "*a favore della Confraternità*", jiġifieri li l-vara ser issir għall-ġid tal-fratellanza u mhux għall-ġid tal-knisja.[41]

## Analiżi Kritika tat-Tieni Vara

L-istatwa li nħadmet fl-1920 ġiet ukoll magħmula minn Carmelo Mallia, kif jindikaw l-istil u l-modellatura tal-figuri f'din il-kompożizzjoni. Il-Madonna hija murija f'qagħda wieqfa li filwaqt li tnewwel il-kuruna tar-Rużarju lill-ispettatur, qiegħda żżomm l-id ix-xellugija tal-Bambin li qiegħed bil-wieqfa fuq mħadda mpoġġija fuq banketta baxxa. Permezz t'idu x-xellugija, il-Bambin ukoll qiegħed inewwel kuruna tar-Rużarju filwaqt li bl-oħra qiegħed ibierek lill-ispettatur. Minkejja li bħal ewwel vara ta' Magri hija differenti mill-prototip ta' Gafà, din il-kompożizzjoni mhijiex totalment oriġinali peress li ġiet ispirata mill-istatwa li Vincenzo Bonnici (1821 - 1865) naqqax fl-1864 għall-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu.

Bħal fil-każ ta' l-ewwel vara tal-Madonna tar-Rużarju li nħadmet għall-Qrendi minn Mallia, wieħed jista' josserva bosta elementi f'din ix-xbiha li jixbhu lil dawk li jinsabu fil-vari ta' Carlo Darmanin. Dawn jinkludu l-istil Purista ta' l-istatwa kif ukoll il-panneġġi tal-ħwejjeġ u l-uċuħ tal-figuri. Għalkemm anqas irfinuti, dawn l-uċuħ huma l-istess għal dawk li nsibu fl-istatwi ta' Darmanin u li kienu ġew immudellati fuq membri tal-familja tiegħu.[43] Naraw, allura, li l-wiċċ tal-Bambin huwa komuni għal dawk ta' xi puttini li jiġu armati fit-toroq tal-festi tagħna, kif ukoll għal dawk tal-figuri tal-Bambin fl-istatwi tal-*Madonna ta' l-Erwieħ* (1906) f'B'Kara u fl-istatwa tal-*Madonna tal-Karmnu* fl-Isla, fost oħrajn.[44] Il-Madonna, minn naħa l-oħra, tagħti lemħa lill-*Veronica* ta' Ħal Qormi (c. 1889) u lill-Madonna fl-istatwa ta' *San Gejtanu* fil-Ħamrun (c. 1884).

Minkejja li l-vara hija pjuttost sodisfaċenti fid-dehra tagħha, ma tantx intgħoġbot minn nies tal-Qrendi tant li wara ftit taż-żmien ġiet imwarrba. Hija baqgħat skartata sa l-1958, meta l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien ippropona li f'dawk il-parroċċi fejn m'hemmx vara tal-Madonna tar-Rużarju setgħet tintuża xbiha tal-Madonna ta' Lourdes.[45] Forsi biex



*Il-kotba jinħarqu u s-sriep ħerġin minnhom: dettall mill-vara tal-Madonna tar-Rużarju.*

ma jinqalgħux kumplikazzjonijiet parrokkjali, il-kleru tal-Qrendi għalhekk iddeċieda li jerġa' jdur għall-istatwa tar-Rużarju ta' l-1920.[46] Minn dak iż-żmien 'l hawn, din il-vara baqgħet tintuża waqt il-festa tal-Madonna tar-Rużarju f'dan ir-raħal filwaqt li matul is-sena tkun miżmuma f'niċċa fis-sagristija tal-knisja parrokkjali.

L-istejjer marbutin mal-vari tal-*Madonna tar-Rużarju* fil-Qrendi, speċjalment ta' dik ikkummissjonata minn Magri, huma xhieda ta' kemm xogħlijiet ta' l-arti mhux biss jaqdu l-ħtiġijiet devozzjonali tal-fidili, iżda jistgħu wkoll ikunu xhieda



*Carmelo Mallia Il-Madonna tar-Rużarju Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, Qrendi*

ta' sitwazzjonijiet fil-parroċċa u fir-raħal partikolari li forsi wieħed ftit jassoċċjahom magħhom. L-istatwa li ordna Nicola Magri lejn l-1910 hija element li jfakkar fil-ġrajjiet li kien qed jgħix il-Qrendi fil-bidu tas-seklu għoxrin: ġrajjiet li wasslu għat-twaqqif ta' għaqda mużikali oħra fir-raħal kif ukoll għal pika bejn sekulari u qassisin. L-istatwa ta' l-1920, minn naħa l-oħra, turi kemm id-destin ta' xogħol ta' l-arti jiddependi ħafna mill-mod kif jintlaqa' u jiġi apprezzat minn nies u anke minn ċertu ċirkostanzi parrokkjali. Tajjeb għalhekk li meta wieħed ikun qed jara dawn il-vari tal-*Madonna tar-Rużarju* fil-Qrendi, mhux biss japprezza x-xogħol ta' l-istatwarju li għamilhom iżda wkoll jiftakar fil-ġrajjiet li hemm warajhom.

1 Fost dawn insibu l-parroċċi ta' Ħal Lija (1588-1602), Birkirkara (qabel l-1593), taż-Żurrieq (qabel l-1598), Ħal Safi (qabel l-1615), Ħ'Attard u Ħal Balzan (li t-tnejn kellhom artal qabel is-sena 1673) kif ukoll iż-Żejtun (qabel l-1720).

2 Ivan D. Aquilina, "Valletta - San Duminku", *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom,* Vol. III, p.202.

3 L-istatwa ta' l-injam li tinsab fil-Bażilika Kolleġġjata ta' Santa Liena f'Birkirakara u li oriġinarjament kienet tinsab fil-knisja ta' l-Assunta (il-Knisja l-Qadima) inħadmet fl-1694 minn Giuseppe Azzopardi filwaqt li dawk ta' Ħal Balzan u ż-Żejtun tnaqqxu minn Vincenzo Dimech, iben Sigismondo, fl-1773 u fl-1780 rispettivament. Dik ta' Ħaż Żebbuġ inħadmet fl-1741minn Pietro Felici. Xi statwi li jirrappreżentaw lill-*Madonna tal-Karmnu,* bħal ma huma dawk ta' l-Imdina u tal-Belt Valletta, ukoll kienu saru b'xebh ma l-istatwa ma' l-istatwa ta' Gafa.

4 L-istatwi fil-parroċċi ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u tan-Naxxar, it-tnejn xogħol Carlo Darmanin, huma fost dawn it-tip ta' statwi.

5 L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħad Dingli nħadmet fl-1907 minn Carlo Darmanin, filwaqt li dik tal-Gudja nhadmet fl-1922 minn Angelo Dalli u ħadet post oħra li kienet tnaqqxet fl-injam minn Antonio Chircop fl-1851.

6 Raymond Ellul, "Qrendi - Santa Marija", *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom,* Vol. II, p.256.

7 Claudette Casha, "L-Ewwel Presidenti tas-Soċjetà Lourdes", *Programm tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes 2005,* p. 23.

8 Tabone kien dam jokkupa l-kariga ta' kappillan fil-Qrendi mill-1893 sa l-1926.

9 Joseph Aquilina, "Is-Soċjetà Filarmonika Lourdes, Qrendi", *Programm tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes 2005,* p.15.

10 J. Aquilina, 2005, p.17.

11 Probabilment, bħala membru ewlieni u akkanit tas-Soċjetà Mużikali Lourdes, kien Magri li ta l-ordni biex l-orkestra Bellini li hu stess kien waqqaf ma taghtix is-sehem tagħha fil-festa titulari ta' Santa Marija.

12 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (A.A.M), *Suppliche* Vol. 172, Supplica nru. 385, p.453.

13 A.A.M., *Suppliche* Vol. 172, Supplica nru. 385, p.453.

14 L-istatwa tal-*Madonna taċ-Ċintura* kienet saret fl-1872 minn Carlo Darmanin. Fil-ġurnal *Portafoglio Maltese* tas-16 t' Awissu 1872, p.3, din l-istatwa tissemma f'ittra lill-editur minn individwu li kien qed jikkummenta fuq dak li ra fil-festa ta' S. Marija li kienet ghadha kemm ghaddiet. Huwa jghid li fost l-affarijiet sbieħ li kien hemm fil-knisja, osserva "*la bella e nuova immagine della Vergine, sotto il titolo della Consolazione......*" Ghalkemm isemmi isem żbaljat meta jghid li nhadmet minn Gaetano Darmanin u mhux Carlo, huwa jghid ukoll li din il-

vara ħallas għaliha s-saċerdot Dun Giovanni Callus u li x-xbiha ġiet approvata mhux biss mill-poplu iżda wkoll mill-pittur Giuseppe Calleja, li kien wieħed mill-esponenti ewlenin ta' l-arti Purista f'dak iż-żmien.

15 A.A.M., *Suppliche* Vol. 172, Supplica nru. 385, p. 453. Fil-5 t'Ottubru 1909, il-Kurja talbet għal kopja legali tar-rikors li kien bagħat Nicola Magri.

16 "Enfitewsi" hija l-kirja permanenti ta' proprjetà immobbli (fissa). Skond is-sur Pinu Axiaq, li Nicola Magri kien jiġi z-ziju t'ommu, din il-proprjetà kienet barriera.

17 A.A.M., *Suppliche* Vol. 172, Supplica nru. 385, p.453.

18 A.A.M., *Suppliche* Vol. 172, Supplica nru. 385, p.453.

19 A.A.M., *Suppliche* Vol. 173, Supplica nru. 53.

20 A.A.M., *Suppliche* Vol. 173, Supplica nru. 53.

21 *Malta Tagħna,* 14 t'Awissu 1909, p.3.

22 *Malta Tagħna,* 14 t'Awissu 1909, p.3.

23 *Malta Tagħna,* 28 t'Awissu 1909, p.3.

24 *Malta Tagħna,* 28 t'Awissu 1909, p.3.

25 *Malta Tagħna,* 28 t'Awissu 1909, p.3.

26 Komunikazzjoni personali mas-sur Pinu Axiaq.

27 C. Casha, 2005, p.23.

28 Illum il-ġurnata, il-manku tax-xabla biss għadu jidher f'idejn il-puttin. Jistgħa jagħti każ li minflok xabla normali, huwa kien qiegħed iżomm xabla tan-nar kif naraw f'ċertu rappreżentazzjonijiet b'tema simili.

29 Għal tagħrif dettaljat fuq Vincenzo Maria Cremona, statwarji oħrajn u t-tradizzjoni tal-kartapesta f'Malta ara Victor Caruana, *The Art of Papier-mâché in Malta between the 19th and early 20th Centuries - Technical and Art Historical Considerations,* teżi tal-MA mhux ippubblikata u ppreżentata lill-Fakulta ta' l-Arti fl-Università ta' Malta, 2005, p.174.

30 Għal aktar informazzjoni fuq Carlo Darmanin ara Victor Caruana, 2005.

31 Carmelo Mallia twieled Ħal Qormi fl-1880. Huwa kien alljiev ta' l-istatwarju magħruf Carlo Darmanin u wara l-mewt ta' dan fl-1909, Mallia probabilment wiret il-forom u xi xogħlijiet li dan kellu ordnati. Fost l-istatwi prinċipali li ħadem Mallia, insibu l-vari titulari ta' *S. Venera* f' S. Venera (1919) u d-*Duluri* ta' S. Pawl il-Baħar (1911 - 1926) kif ukoll statwi għat-toroq fil-festi u xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira bħal ma huma d-*Duluri* tal-Mosta (1918) u l-Isla (1921). Huwa miet fit-3 t'April 1931.

32 Tajjeb ngħidu li l-assistent uffiċċjali ta' Carlo Darmanin kien Giuseppi Cilia, minn Ħal Qormi. Dan nafuh mill-fatt li fl-artiklu tal-mewt ta' Carlo Darmanin ippublikat fil-ġurnal *Malta Tagħna* tal-11 ta' Diċembru 1909, hemm ukoll l-avviż li l-post tax-xogħol ta' Darmanin kien ser jibqa' jiġi mmexxi mill-istess assistent tiegħu, Giuseppi Cilia. Minbarra hekk, waqt komunikazzjoni personali miegħu, l-artist u restawratur Renzo Gauci qal li waqt li kien għaddej fuq l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li Cilia kien ħadem għall-parroċċa ta' Santa Marija f' Ħ' Attard, huwa kien sab biljetti tat-tombla li fuq in-naħa ta' wara tagħhom kien hemm stampat reklam tal-ħanut tax-xogħol ta' Giuseppi Cilia u li fih huwa jsejjaħ lilu nniffsu "*successore di Carlo Darmanin*". Minkejja dan, jeżistu aktar xogħlijiet ta' Mallia milli ta' Cilia fil-festi u knejjes Maltin - sinjal ta' aktar popolarità minn naħa tal-"Lhudi". Fost ix-xogħlijiet ta' Giuseppi Cilia nsibu l-*Anġli Adoranti* li jintramaw ma' ġenb is-salib fil-festa ta' Santa Kruċ fl-Isla kif ukoll diversi vari ta' San Ġużepp fosthom f'Ħal Qormi (parroċċa ta' San Ġorġ, fejn wara li ġiet mibdula, l-istatwa ta' Cilia tpoġġiet fis-sagristija), f' Ħ' Attard u S. Venera fost oħrajn. L-istatwa tal-*Madonna tar-Rużarju* li qed nitkellmu fuqha ma tidhirx li hija xogħol ta' Cilia peress li m'għandiex il-pjanċa li turi li l-vara nħadmet minnu, kif dan l-istatwarju kien is-soltu jwaħħal mal-bażi tal-vari li kien jagħmel. Apparti hekk, Cilia kien normalment ipoġġi ħafna tikmix u pjiegi ritmiċi u weqfin fl-ilbies tal-figuri tiegħu - aspett li ma jidhirx f'din l-istatwa.

33 Huwa kważi ċert li wara l-mewt ta' Darmanin, Mallia u Cilia wirtu l-kummissjonijiet għall-istatwi li dan kellu. Tant hu hekk li jeżisti ritratt ta' Carlo Darmanin li fl-isfond tiegħu jidher il-buzzett għall-istatwa tal-*Martirju ta' San Ġorġ* li tintrama' fil-jiem tal-festa ta' dan il-qaddis f'Ħal Qormi. Eventwalment, din l-istatwa u dik li turi lil *San Ġorġ quddiem Dijoklezzjanu* ġew maħduma minn Mallia wara din il-kummissjoni spiċċat f'idejh.

34 Il-figura ta' l-anġlu jkeċċi xi serp jew il-figura tax-xitan permezz ta' xabla jew arma oħra tinstab ukoll f'xi xogħlijiet tal-pittur magħruf Giuseppe Calì. Dawn jinkludu l-kwadru ta' *San Ġużepp bħala Patrun Universal tal-Knisja* fil-Parroċċa ta' Ħal Għargħur u *L-Inkurunazzjoni tal-Madonna* fl-apside tal-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo fil-Belt, fost oħrajn.

35 Skond A. Camilleri, "*Il-Kariżma Karmelitana fiż-Żurrieq*", Malta 1994, p.145, jingħad li din l-istatwa, kif ukoll dik li turi d-*Dehra tal-Madonna lill-Papa Onorio III* li titpoġġa fuq l-istess zuntier fl-istess festa, hija xogħol Carmelo u Antonio Zammit. Peress li dawn iż-żewġ persuni m'humiex magħrufa għal ebda xogħol ieħor fil-kartapesta, kif ukoll l-uċuħ u l-modellatura ta' l-istatwi msemmija huma identiċi għal dawk li kien jagħmel Carlo Darmanin, jista' jagħti l-każ li dawn l-irġiel Żrieraq kienu biss għenu lill-istatwarju Senglean fix-xogħol tiegħu fuqhom jew inkella ħadmuhom huma bil-materjal u taħt is-superviżjoni ta' l-istess Darmanin.

36 Minkejja l-użu ta' l-istess forma, l-uċuħ ta' dawn l-istatwi msemmija jistgħu jidhru differenti minn xulxin minħabba x-xahar tal-figuri - aspett li faċilment jista' jinbidel fl-istatwi tal-kartapesta.

37 A.A.M., *Suppliche* Vol.204, Supplica nru. 205, 1920.

38 A.A.M., *Suppliche* Vol.204, Supplica nru. 205, 1920.

39 A.A.M., *Suppliche* Vol.204, Supplica nru. 205, 1920.

40 Komunikazzjoni personali mas-Sur Pinu Axiaq.

41 A.A.M., *Suppliche* Vol.204, Supplica nru. 205, 1920.

42 Pietro Paolo Castagna, *Storja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha,* publikazzjoni faksimile ta' l-edizzjoni ta' l-1888, Malta 1985, p.207. Għalkemm l-istatwa tal-Qrendi fiha xi differenzi minimi minn dik ta' Bonnici, ix-xebħ fil-kompożizzjoni hija evidenti. Vincenzo Bonnici kien skultur mill-Isla li fost ix-xogħlijiet li ħadem insibu par anġli li jintramaw mal-vara ta' S. Kruċ f'Bormla u par ieħor li jintrama' mal-pavaljun tal-vara tal-Kunċizzjoni fl-istess Kolleġġjata. Huwa ħadem ukoll puleni għal diversi bastimenti flimkien ma għadd ta' disinji u mudelli oħrajn.

43 Għal aktar informazzjoni fuq Carlo Darmanin, ara Victor Caruana, 2005.

44 Din l-istatwa kienet inħadmet fl-injam minn Aristide Bonnici. Wara ċertu żmien, il-figura oriġinali tal-Bambin tbiddlet ma oħra tal-kartapesta xogħol Carlo Darmanin.

45 Komunikazzjoni personali mas-sur Pinu Axiaq.

46 Qabel reġgħet intużat fil-purċissjoni, din il-vara kienet ġiet irrestawrata minn Manwel Sciberras li minbarra li kien jagħmel il-ganutell, kien ukoll induratur. Fost ix-xogħlijiet tal-ganutell li ħadem Sciberras, insibu l-fjuretti tal-vara ta' Sant'Elena ta' Birkirkara: Philip Xuereb, SAL, *Birkirkara: Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali,* Malta 2005, p. 266.

Agħti sehmek b'riżq il-Festa Interna.